31972R2351

9.11.1972 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 253/11

IR-REGOLAMENT (KEE) Nru 2351/72 TAL-KUMMISSJONI

tat-8 ta' Novembru, 1972

li jissupplimenta r-Regolament (KEE) Nru 100/72 u 1574/72 fir-rigward il-proċess ta' żnatura għal zokkor

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jwaqqaf il-Komunità Ekonomika Ewropea;

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill Nru 1009/67/KEE [1] tat-18 ta' Diċembru, 1967 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq f'zokkor, kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KEE) Nru 607/72, [2] u b'mod partikolari l-Artikolu 9(8);

Billi l-esperjenza wriet li d-deskrizzjoni tal-proċess ta' żnaturazzjoni għal zokkor li tinsab fir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru100/72 [3] ta' l-14 ta' Jannar, 1972 li jistabbilixxi regoli dettaljati dwar iż-żnatura ta' zokkor għal għalf ta' l-annimali u fir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1574/72 [4] ta' l-24 ta' Lulju, 1972 li jiffissa l-ħlas ta' żnatura għal zokkor maħsub għal għalf ta' l-annimali mhuwiex biżżejjed preċiż biex ikun assigurat li z-zokkor żnaturat b'dan il-mod jista' jintuża biss għal għalf ta' l-annimali u għall-iskop maħsub; billi dawn ir-Regolamenti għandhom għalhekk ikunu supplimentati skond il-ħtieġa mingħajr, iżda, ma jinbidel il-proċess msemmi;

Billi l-miżuri li għalihom hemm provdut f'dan ir-Regolament huma bi qbil ma' l-Opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għaz-zokkor;

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Li ġej jitqiegħed flok it-test taħt II (3) (c) ta' l-Anness tar-Regolament (KEE) Nru 100/72:

"(ċ) jew (ċ) 0.250 kg ta' *ferric oxide*; f'dan il-każ it-taħlita għandha turi kulur definit li jvarja minn aħmar skur għal kannella."

Artikolu 2

Li ġej jitqiegħed flok it-test taħt (ċ) ta' l-Anness tar-Regolament (KEE) Nru 1574/72:

"(ċ) jew (ċ) 0.250 kg ta' *ferric oxide*; f'dan il-każ it-taħlita għandha turi kulur definit li jvarja minn aħmar skur għal kannella."

Artikolu 3

1. Ċertifikati ta' ħlas ta' żnatura maħruġa skond ir-Regolament (KEE) Nru 1574/22 jitħassru b'applikazzjoni ta' sid it-titlu jew iċ-ċessjonarju, skond il-każ, jekk applikazzjoni bħal din issir qabel il-31 ta' Diċembru, 1972.

2. Id-depożitu ta' żnatura jinħeles minnufih wara li jitħassar ċ-ċertifikat.

Artikolu 4

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul f'Brussel, 8 ta' Novembru, 1972.

Għall-Kummissjoni

Il-President

S.L. MANSHOLT

[1] ĠU Ċ 308, 18.12.1967, p. 1.
[2] ĠU L 75, 28.3.1972, p. 4.
[3] ĠU L 12, 15.1.1972, p. 15.
[4] ĠU L 167, 25.7.1972, p. 18.